**17 ta' April, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A.,F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

John Cordina

*versus*

Emmanuele Tabone *noe et*

## Indebitu - Rifużjoni ta' Kompravendita - Att tal-1977 Dwar l-Enemalta

*L-attur aġixxa biex jitlob rifużjoni ta' prezz ta' petrol u gas oil imħallsa indebitament. Il-kwistjoni inqalgħet għaliex il-konvenuta Korporazzjoni Enemalta biegħet u kkonsenjat petrol u oil gas lill-attur, il-prezz ta' dawn sussegwentement ġie awmentat u meta l-konvenuta bagħtet rappresentant tagħha jikontrolla l-kwantità, ippretendiet tithallas tad-differenza fl-awment tal-prezz.*

*Minn evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu sar kuntratt perfett ta' kompravendita meta ġie konsenjat iż-żejt u mħallas il-prezz għaliex kollox sar mingħar riserva.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat fl-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni. Premess li l-konvenut biegħ u kkonsenja lill-attur kwantità ta' *petrol* u *gas oil* li ġew debitament imħallsa skond il-prezz mitlub; illi sussegwentement il-prezz tal-*petrol* u *gas oil* ġie awmentat mill-Gvern; premess li l-konvenut meta saret iż-żieda bagħat rappreżentant tiegħu jikkontrolla xi kwantità ta' *petrol* u *gas oil* kellu l-attur fit-tankijiet tiegħu li jirriżulta li kien jammonta għal 3035 gallun *petrol* u 950 *gas oil*; premess illi għalkemm dan il-*fuel* kien ġjà ġie imħallas, meta ġie konsenjat u l-konvenut insista li l-attur iħallas id-differenza bejn il-prezz imħallas u l-prezz ġdid ammontanti għas-somma komplessiva ta' Lm1024.50, kif jidher mill-anness kont Dok. A; premess illi peress meta l-attur irrifjuta li jħallas dan id-differenza l-konvenut infurmah illi jekk ma jħallasx l-ammont mitlub ma jiġiex mibjugħ lilu *fuel* sakemm

iħallas. Premess illi taħt dawn iċ-ċirkostanzi l-attur ħallas taħt protesta u llum qiegħed jitlob ir-rifużjoni tal-ammont imħallas taħt protesta. Talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas u jirrifondi lill-attur is-somma ta' elf u erba' u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm1024.50), lilu imħallsa indebitament għal *petrol* u *gas oil* mixtrija minn għandu u li lilu kienu ġjà imħallsa kif spjegat hawn fuq. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju, 1980, u bl-imgħax kummerċjali mill-15 ta' Novembru, 1979, sal-eventwali pagament;

Rat a fol. 6 tal-proċess, in-nota li biha l-konvenut *nomine* eċċepixxa li t-talbiet ta' l-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda peress:

1) illi r-relazzjoni ġuridika ta' bejn l-attur u l-konvenut mhix waħda ta' kompravendita iżda waħda *sui generis*;

2) illi l-importazzjoni taż-żejt u prodotti tiegħu hu monopolju statali li permezz tal-Att ta' l-1977 dwar l-Enemalta ġie avdat f'idejn l-istess Korporazzjoni biex din timporta u tissupplixxi dan il-prodott vitali għal pompi tal-*petrol*, hu avdat u liċenzjat mill-monopolista biex iwasslu l-*petrol* u *gas oil* lill-konsumaturi;

3) illi għal din l-attività ġie miftiehem bejn il-konvenut u l-attur, li dan ta' l-aħħar jiggwadanja marġni stabbili ta' ħlas a bażi tal-amenitajiet provduti minnu;

4) illi malli l-awtorità kompetenti ffissat prezz aktar għoli għal dan il-prodott, l-attur kien obbligat li jibqa' jirċievi l-istess ħlas, kif miftiehem għas-servizz tiegħu u jgħaddi d-differenza fil-prezz lil dik l-Ente li bħala monopolista kienet qed tgħaddilu

l-prodott biex jispakkawh għal konsum lokali;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ fid-19 ta' Jannar, 1982, li biha dik il-Qorti iddecidiet billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet mgħotija mill-konvenut *nomine* u laqgħat il-talbiet attriċi, l-ispejjeż tal-kawża fiċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, wara li kkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur għandu *petrol station* f'*Bajada Street*, Zabbar, li ilha għandu għal dawn l-aħħar erbgħatax-il sena u li minnha jbiegħ *petrol* u *diesel oil* lill-pubbliku;

Illi sas-sena 1974, l-attur (bħala proprjetarji tal-*petrol stations* l-oħra) kien jixtri l-petrol u *diesel* mid-ditti privati u jaħżen dan ġot-tankijiet biex minnhom itellgħu bil-pompi li permezz tagħhom jagħmel il-bejgħ lill-pubbliku. Fis-sena 1974 - kif xehed l-*Assistant Head* tal-*Petroleum Division* tal-konvenut *nomine* - il-Gvern ħa f'idejh ix-xiri u d-distribuzzjoni tal-*fuel* (ċjoè *petrol* u *diesel oil*); għal dan l-iskop kienet ġiet formata sezzjoni imsejħa *Petroleum Division* fl-uffiċċju tal-Prim Ministru Malti. Ix-xogħol ta' dina s-sezzjoni kien jikkonsisti proprju f'dan li jixtri l-*fuel* u tiddistribwixxi l-istess lill-*petrol stations*;

Illi fis-sena 1977, u preċisament bl-Att Nru. XVI tas-6 ta' Mejju, 1977, ġiet imwaqqfa l-Korporazzjoni Enemalta u mogħtija l-awtorità waħdanija u esklussiva li (fost affarijiet oħra) "timporta, takkwista, timmanifattura, iżżomm, taħżen, tqassam, tbiegħ, tesporta jew xort' oħra tneħħi petrolju jew xi għamla tiegħu". U l-*Petroleum Division* fuq imsemmija ġiet trasferita lill-Enemalta, sabiex tibqa', kif effettivament baqgħet tagħmel

l-istess xogħol ta' xiri ta' *fuel* u distribuzzjoni tiegħu lil *Petrol Stations*;

Illi bħala konsegwanza ta' l-awtorità waħdanija u esklussiva mogħtija lill-Enemalta (konvenut), l-artikolu 37 ta' l-imsemmi Att jiddisponi li "ebda persuna ma għandha f'Malta, ħlief għal jew f'isem Enemalta, jew bi ftehim jew skond arranġament mal-Korporazzjoni, jew bis-saħħa ta' liċenzja tal-Korporazzjoni jew skond regolamenti magħmula taħt l-Att..........timporta, tikseb, timmanifattura, iżżomm, taħżen, tqassam, tbiegħ, tbiegħ fit-toroq, tesporta jew xort' oħra tneħħi pitrolju jew xi forma tiegħu.....jew iżżomm jew tuża xi tank, pompa jew apparat mekkaniku ieħor sabiex jiġi maħżun, mibjugħ jew provdut pitrolju";

Illi proprju dana huwa x-xogħol ta' l-attur *nomine*, ċjoè illi jikseb pitrolju, iżommu u jaħznu f'tankijiet u permezz tal-pompi jbiegħ dana l-pitrolju (*petrol* u *diesal oil*) lill-pubbliku. Dana x-xogħol l-attur huwa awtorizzat jagħmlu bis-saħħa tal-liċenzja tal-Korporazzjoni, ċjoè tal-konvenut *nomine*, li jġieb id-data tal-1 ta' Frar, 1978, u li kopja fotostatika tagħha ġiet eżebita bħala Dok. A - mhux "għal jew f'isem Enemalta". L-attur jinnegozja f'ismu proprju. Huwa jbiegħ - kif huwa awtorizzat - il-*fuel* f'ismu proprju. Huwa jakkwista dan il-*fuel* f'ismu mingħand il-konvenut *nomine*. Hekk ġara fir-rigward tal-partita *fuel* in kwistjoni. Ġara, ċjoè kif jirriżulta mill-provi u kif anke jaqblu l-kontendenti, illi l-attur akkwista mingħand l-Enemalta (il-konvenut *nomine*) kwantità preċiża ta' *fuel* versu prezz preċiż - partita li ġiet konsenjata kollha lill-attur u prezz li ġie mħallas mal-konsenja tal-*fuel* lill-konvenut *nomine*. F'dina l-operazzjoni ġiet mogħtija *invoice*, bħal dik eżebita bħala Dok. B, iżda li ma kienx fiha t-timbru bil-kliem "*Right is reserved to apply new....*"

Jirriżulta wkoll, illi ftit taż-żmien wara l-konsenja u ħlas tal-*fuel* fuq imsemmi, u preċiżament fil-15 ta' Novembru, 1979, il-prezz tal-*fuel* għola, żdied ċjoè bi 30 ċenteżmu l-gallun għal *petrol* u 12 il-ċenteżmu kull gallun għad-*diesel oil*. Il-konvenut *nomine* ppretenda l-ħlas taż-żieda fil-prezz in rigward tal-kwantità ta' *fuel* li l-attur f'dik id-data, kellu, fit-tankijiet, u meta l-attur irrifjuta li jħallas din id-differenza billi insista li l-*fuel* kien tiegħu, għaliex xtrah, il-konvenut *nomine* imminaċċjah li ma jagħtiehx aktar *fuel* jekk ma jħallasx u allura l-attur ħallas, taħt protesta, dina d-differenza ammontanti għal Lm1024.50,0, kif jirriżulta mill-kopja tal-*invoice* a fol. 5 tal-proċess;

Illi biċ-ċitazzjoni odjerna, l-attur qed jitlob ir-rifusjoni ta' l-imsemmi ammont ta' Lm1024.50,0, imħallsa, kif jgħid huwa indebitament billi l-*fuel* kien xtrah u ħallsu żmien qabel u, għalhekk kien tiegħu bil-konsegwenza li l-konvenut qatt ma kellu dritt jitlob ħlas aktar għal dak il-*fuel*. Minn-naħa tiegħu l-konvenut *nomine* eċċepixxa li bejnu u bejn l-attur ma kinitx saret kompravendità tal-*fuel* in kwistjoni. Ir-relazzjoni ġuridika bejniethom, jgħid il-konvenut *nomine* hija waħda *sui generis* u kif jidher mill-verbal a fol. 12 tal-proċess, huwa spjega li dina r-relazzjoni ġuridika *sui generis* toħroġ, mhux mill-Att ta' l-1977, dwar l-Enemalta fuq imsemmi, imma mill-ftehim, min-negozju li sar bejn il-kontendenti. Iddikjara wkoll li dan il-ftehim ma sarx bil-miktub. Hekk il-kwistjoni kollha li għandha tiġi risolta hija jekk kienx hemm, bejn il-kontendenti, bejgħ tal-*fuel* in kwistjoni u għal dina s-soluzzjoni wieħed irid joqgħod fuq il-provi prodotti mill-kontendenti konsistenti biss fid-deposizzjoni ta' l-attur u dik ta' Saviour Cordina, *assistant head* tal-*Petroleum Division* ta' l-Enemalta *Corporation* u fit-tlett dokumenti minnhom prodotti, ċjoè dik a fol. 5 tal-proċess li hija kopja fotostatika tal-*invoice* No.06186 li minnha tirriżulta l-

kwantità ta' *fuel* li kien hemm fit-tankijiet ta' l-attur dakinhar li ogħla l-prezz tal-*fuel*, bl-ammont imħallas minħabba dana l-għoli, mill-attur għal dika l-kwantità; Kopja fotostatika tal-liċenzja ta' l-1 ta' Frar, 1978, u *specimen* ta' *invoice* li hija bħal dik li ġiet mogħtija lill-attur meta akkwista l-*fuel* in kwistjoni mingħand il-konvenut *nomine*;

Illi minn dawna l-provi, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur verament xtara dak il-*fuel*; li bejn il-kontendenti sar bejgħ ta' l-istess *fuel*. Issa fil-liġi tagħna b'disposizzjoni espressa (artikolu 1396 tal-Kodiċi Ċivili) "il-bejgħ huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas għalih"; u l-bejgħ javverra ruħhu malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz u, appena jiġi konkluż dan il-ftehim il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej. L-istess Saviour Cordina (li jaf sewwa, għaliex huwa *assistant head* tas-Sezzjoni inkarikata mill-pitrolju *ossia fuel*) iddepona kif saret l-operazzjoni in deżamina. Skond din id-deposizzjoni l-operazzjoni saret hekk: L-attur għamel ordni lil Enemalta u qalilha l-kwantità ta' *fuel* li kellu bżonn; Il-konvenut *nomine* permezz ta' l-impjegati tiegħu ħadulu l-*fuel*, ħattewh fit-tankijiet ta' l-attur u dana ħallas tal-kwantità ta' *fuel* lilu supplita. Mal-konsenja ġiet mogħtija lill-attur *delivery note* - bħal dik esebita u markata Dok. B - u fi kliem l-istess Cordina "f'din id-*delivery note* ikun hemm miktub il-kwantità ta' *fuel* supplit, il-*unit price*, jiġifieri l-prezz kull gallun u naturalment il-prezz totali ta' dik il-partita li tiġi fornita". F'din id-*delivery note*, mela, hemm ir-rekwisiti kollha tal-kuntratt ta' kompravendità u ċjoè "il-ħaġa" f'dan il-każ il-kwantità tal-*fuel*, u l-prezz tagħha - prezz li, fil-każ in deżamina ġie effettivament imħallas u ħaġa li ġiet fil-fatt konsenjata. Infatti l-istess Cordina xehed ukoll illi kieku l-*fuel* ġie distrutt per eżempju b'xi nar,

"kien ibatih" l-attur "għaliex tiegħu u hu xtrah". Fl-istess sens xehed l-attur a fol. 15 meta qal li xi żmien qabel il-każ in kwistjoni kien ġara l-oppost; ċjoè kien xtara kwantità ta' *fuel*, siegħat wara raħas il-prezz u meta lmenta li ma kienx misshom tawh *diesel* meta kienu jafu li ser jorħos, irrispondewh illi "dak kien il-*luck* tal-*business*";

Illi l-Qorti tosserva li in segwitu għall-kwistjoni li inqalgħet bejn il-kontendenti, l-konvenut *nomine* fl-*invoices* jew *delivery notes* żied il-kliem "*right is reserved to apply new price orders as announced from time to time on products held in dealers' tanks*" - dana sabiex il-ftehim ikun ċar. Wara kollox l-artikolu 37 ta' l-Att XVI ta' l-1977 jiddisponi li persuna tista' tbiegħ '*fuel*' bis-saħħa ta' liċenzja jew bi ftehim jew skond arranġamenti mal-Korporazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut *nomine* ppreżentata fis-27 ta' Jannar, 1982;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut *nomine* li biha, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, tiddikjara illi r-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut mhux waħda ta' kompravendità iżda relazzjoni *sui generis* u tiċħad il-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat preżentata fit-12 ta' Frar, 1982;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mill-petizzjoni ta' l-appell, il-konvenut appellant *nomine* qiegħed jappella mid-deċizjoni ta' l-ewwel Qorti għaliex qiegħed jippretendi illi r-relazzjoni bejnu u l-attur appellat ma kinitx waħda ta' kompravendità, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, iżda din ir-relazzjoni kienet tikkonsisti billi l-konvenut appellant *nomine* bħala monopolista jimporta l-prodotti taż-żejt u jissupplihom lill-operaturi tal-pompi tal-*petrol* li xogħolhom huwa (bħal ma hu xogħol l-attur appellat) li ibiegħ lill awtomobilisti individwali;

Il-Qorti eżaminat l-argumenti li ġab il-quddiem il-konvenut appellant *nomine* in sostenn ta' l-imsemmija sottomissjoni iżda ma tarax li dawn l-argumenti huma b'xi mod ġustifikati bil-provi li hemm fil-proċess. Infatti dawn il-provi juru li l-liċenzja maħruġa mill-konvenut appellant *nomine* favur l-attur appellat hija dik li jbiegħ *petrol* u *diesel* mill-pompi tiegħu. Ma hemm xejn fil-liċenzja fejn jingħad li l-attur appellat kien qed jingħata il-liċenzja biex ibiegħ għal jew f'isem il-konvenut appellant *nomine*. L-attur ġie mogħti l-liċenzja biex ibiegħ il-*petrol* u d-*diesel* akkont tiegħu nnifsu u presumibilment dak li qiegħed ibiegħ - salv il-prova kuntrarja - huwa proprijetà tiegħu;

Il-provi juru wkoll meta l-attur appellat akkwista l-*petrol* u *diesel* in kwistjoni huwa ħallas mal-konsenja l-prezz tiegħu li kien indikat fuq *delivery note* simili għad-dokument eżebit a fol. 5 tal-proċess. F'dan id-dokument rilaxxat mill-konvenut appellant *nomine* ġie indikat il-prezz li kellu, u li fil-fatt ħallas l-attur appellat lill konvenut appellant *nomine* mingħajr ebda riserva f'każ ta' kambjament fil-prezz li in segwitu l-prodott

jinbiegħ mill-attur appellat lill-awtomobilista u dana a differenza ta' dak li beda jiġri wara li qamet il-kwistjoni preżenti fejn fuq id-dokumenti simili rilaxxjati mill-konvenut appellant *nomine* ġew stampati dawn il-kliem addizzjonali "*Right is reserved to apply new price orders as announced from time to time on products held in dealers' tanks*". Din ir-riserva ma kinitx saret fuq id-dokument rilaxxjat mill-konvenut appellant *nomine* u relattiv għan-negozju in kwistjoni u għalhekk huwa leċitu li wieħed jinferixxi li fil-każ preżenti ma saret l-ebda riserva, li kien hemm vendità kompleta fil-veru sens tal-kelma billi l-partijiet ftehmu fuq l-oġġett tal-vendità u fuq il-prezz tiegħu mingħajr ebda riserva u li din il-vendità ġiet konkjuża dik in-nhar tal-konsenja ta' l-oġġett meta ġie konsenjat ukoll id-dokument fuq imsemmi li kien jindika l-prezz u dan il-prezz ġie aċċettat u fil-fatt tħallas mill-attur appellat;

Huwa importanti f'dan ir-rigward dak li qal ix-xhud Saviour Cordina, li hu *Assistant Head, Petroleum Division* tal-korporazzjoni konvenuta. Dan igħid (*ipsissimis verbis*) a fol. 24: "Mistoqsi minn ibagħti kieku l-*fuel* li jkollu fit-tank jiġi distrutt kieku ngħidu aħna b'xi nar, ngħid illi ibati d-*dealer*, għaliex tiegħu u hu xtrah". Dawn l-aħħar kliem użati minn xhud prodott mill-konvenut appellant *nomine*, li skond ma xehed hu stess fil-kariga tiegħu kien "jidħol ix-xogħol biex l-Enemalta tbiegħ il-*fuel*, ċjoè *Petrol* u *Diesel* lill pubbliku", jikkostitwixxi fil-fehma tal-Qorti l-aqwa konferma tal-korrettezza tal-konklużjoni tagħha. Skond ix-xhud fl-eventwalità imsemmija, l-attur appellat kien ibati t-telf hu għaliex il-*fuel* ikun xtrah;

Il-Qorti għalhekk ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konkluzzjoni li għaliha waslet l-ewwel Qorti. Il-Qorti tapprezza li f'każ bħal dan, l-attur appellat sejjer igawdi

miż-żieda fil-prezz li kellu jħallas l-awtomobilista individwali meta jixtri mill-attur appellat u allura f'dan is-sens, kieku kellu jiġi ritenut (kif fil-fatt qed jiġi ritenut) li l-ftehim fil-każ in kwistjoni kien wieħed ta' kompravendità, tkun qegħda ssir f'dan il-każ partikolari eċċezzjoni għall-*prices policy* ta' l-istat. Iżda l-Qorti għandha tiddecidi l-kawża fuq il-provi li hemm u dawn il-provi juru abbondantement, fil-fehma tagħha, li kien hemm kompravendiità bejn il-kontendenti li ġiet konkjuża dak in-nhar li saru l-konsenja u l-ħlas tal-prezz u dana mingħajr ebda riserva ta' xejn u kwindi l-konvenut appellant *nomine* huwa obbligat jirrifondi lill-attur appellat dak li in segwitu kien tħallas taħt protesta aktar mill-prezz miftiehem;

Il-konsegwenza li qiegħed isemmi l-konvenut appellant *nomine* ma tikkostitwiex argument legali li jintitola lill Qorti li tinjora l-provi - "*adducere inconveniens non est argumentum*";

Għall dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant *nomine*.